A.L. 360 ta' l-2003

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Prezzijiet għad-Demm u Prodotti tad-Demm għall-Kliniċi Privati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tas-Saħħa, flimkien mal-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Prezzijiet għal Demm u Prodotti tad-Demm għall-Kliniċi Privati.

Hlasijiet.

2. Għandhom jinġabru dawn il-ħlasijiet li ġejjin mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għall-provvista ta borża:-

a. *Red Blood Cell Concentrate* Lm38
b. *Single Donor Platelets* Lm91
c. *Fresh Frozen Plasma* Lm29
d. *Pooled Platelets* .....Lm42.